2) *Banco Santander, SA u Santus Holding, SL għandhom isostnu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

3) *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda u r-Renju ta' Spanja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

---

(1) ĠU C 282, 24.9.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Novmbru 2018 – Axa Mediterranean vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-405/11)** (1)

***("Għajnuna mill-Istat — Dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji li jippermettu lill-impriżi fiskalment iddomiċiljati fi Spanja jamortizzaw l-avvjament li jirriżulta minn akkwisti ta' ishma f'kumpanniji fiskalment iddomiċiljati barra mill-pajjiż — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Kunċett ta' għajnuna mill-Istat — Selettività — Sistema ta' riferiment — Deroga — Differenza fit-trattament — Ġustifikazzjoni tad-differenza fit-trattament — Impriżi benefiċjarji tal-miżura — Aspettattivi leġittimi")***

(2019/C 25/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Axa Mediterranean Holding, SA (Palma de Majorque, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, M. Muñoz de Juan u R. Calvo Salinero, sussegwentement J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro u R. Calvo Salinero, u finalment J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, R. Calvo Salinero u A. Lamadrid de Pablo, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal, C. Urraca Caviedes u P. Něměcková, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/282/UE tat-12 ta' Jannar 2011 dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 135, p. 1).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Axa Mediterranean Holding, SA għandha ssostni, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

(1) ĠU C 282, 24.9.2011.